MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Numru 710/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp. Angelo Gafa')**

**v**

**Joseph Micallef ta' 44 sena bin William u Lucia nee Pisani, imwieled fir-Renju Unit fl-24 ta' April, 1962, residenti fi 15, St Ignatius, Triq is-Sirti San Gwann u dtentur tal-karta tal-identita' bin-numru 2000504(P)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Joseph Micallef li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fl-20 ta' Mejju, 2006 u fix-

xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, fil-hanut Activision DVD Rentals fi Triq is-Swieqi, Swieqi, xjentement qeghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe erbgha u sittin (64) DVDs;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi ghal qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja,  jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xihaga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat il-kwerela a fol 10 tal-process.

Rat l-artikoli 298 u 298B, u ghalhekk in vista ta’ l-ammissjoni tieghu qed issibu hati ta’ l-istess reati dan wara li rat ukoll li fis-seduta tas-27/10/06 huwa kkonferma l-istess ammissjoni.

Dwar il-piena kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tieghu kif ukoll il-fatt illi huwa kkopera ferma ma’ l-Ufficjal Prosekutur fl-investigazzjoni.  Qieset ukoll il-kwantita’ ta’ CDs foloz (vide Dok A esebit mill-Ispettur Gafa).

In vista tal-premess, wara li rat l-artikolu 298 u 298B tal-kapitlu 9 qeghda tikkundannah ghal multa ta’ hames mitt

lira Maltija (Lm 500) u tordna konsegwentement il-konfiska u d-distruzzjoni ta’ l-oggetti esebiti Dok A.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------